SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tnejn u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tlieta 22 ta' April 2014 fil-5:30 ta' filghaxija fl-ufficcju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Mikelina Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-korrispondenza dwar attivitajiet ta' water sports fil-Qawra fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel li minhabba d-dghajjes u l-jet skis li jkun hemm f'din il-bajja, dawn it-tip ta' attivitajiet jistghu ikunu esposti ghall-periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jinfurmahom li mhux ser jaghti permess ta' attivitajiet bhal dawn.

3.2 Giet trattata l-korrispondenza minghand il-Parrocca San Lawrenz rigward l-organizazzjoni tas-Summer Fun Club u korsijiet konessi mieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi s-somma ta' 300 bhala ghajnuna ghall-organizazzjoni ta' korsijiet edukattivi flok jorganizahom il-Kunsill stess.

3.3 Giet trattata l-korrispondenza minghand il-Kempinski rigward l-inizjattiva ta' Clean Up li ser jaghmlu fid-Dwejra fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill billi jigi provdut skip. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdilhom l-iskip mitlub u jfahharhom tal-inizjattiva.

3.4 Giet trattata l-ittra tal-avukat Charlie Galea ghan-nom ta' Pietru Attard rigward xi lmenti dwar xi xogholijiet li wettaq il-kuntrattur Joe Grima fl-isqaq fi Triq it-Torri li jaffetwaw il-proprjeta tieghu. Il-Vici Sindku Anthony Cassar iddikjara li huwa mhux ser jiehu sehem f'din id-diskussjoni peress li jista' jkollu nteress. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil Perita tal-progett Ivana Farrugia sabiex tivverifika l-ilmenti u tara x'jinhtieg isir fuqhom u nezigu mal-kuntrattur biex jirranga dawn in-nuqqasijiet.

3.5 Giet trattata l-ittra minghand il-Gozo Tourist Association rigward il-gastronomic event li ser jorganizzaw u fejn talbuna jekk ghandniex xi persuni marbuta mal-gemellagg li huma nteressati. Il-Kunsill qabel li ghandu jistharreg ma' kunsilli lokali ohra jekk humiex ser jippartecipaw u naghmlu bhalhom.

4.0 **Xiri ta' ufficju tal-Kunsill**

4.1 Saret referenza ghad-decizzjoni li kienet ittiehdet li l-Kunsill jixtri appartament fi Triq San Lawrenz ghal prezz ta' 70,000 euro sabiex jintuza bhala ufficju ghal Kunsill u ghal fatt li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali tana l-go ahead biex nixtruh.

4.2 Saret referenza ghat-talba ghal laqgha mal-Onor Jose Herrera rigward ghajnuna biex jinbnew premissi ghal Kunsill izda ma hadniex twegiba ghaliha. Sadanittant il-Kunsill qabel li jipprocedi bix-xiri tieghu u jekk insibu ghajnuna nibnu ghassa, berga u latrina fl-entratura tal-iskola.

5.0 **Ix-xoghol tal-pavimentar fi Sqaq San Lawrenz**

5.1 Saret referenza ghall-problemi li hemm dwar artijiet li jappartjenu l-isqaq fi Triq San Lawrenz, li huwa l-ahhar sqaq li jinhtieg isir biex b'hekk jintemm il-progett tal-isqaqien. Is-Sindku rrefera ghall-ilment li tressaq minghand Alfred Portelli rigward moghdija li ghandhom fl-ahhar parti ta' dan l-isqaq u li huwa talab kumpens jekk din tigi ccangata u li jekk ma jsirx dan il-Kunsill ma jmissux.

5.2 Il-Kunsill qabel li ma ghandux jidhol fil-mertu ta min hi l-art u ghandu jinfurmah li fil-kaz tieghu

nistghu nimxu bhalma mxejna fuq sqaqien ohra privati, dik li naghmlu skrittura li minkejja li qed niccangaw l-isqaq in kwistjoni, l-Kunsill ma hu qed jirriserva l-ebda dritt fuqu. Il-Kunsill qabel li ma ghandu jaghti l-ebda kumpens.

5.3 Saret referenza ghaz-zewg partijiet art li jiffurmaw wkoll parti minn dan l-isqaq li jappartjenu lil ahwa Farrugia u lis-Sur Joseph Grima u li fuq ricerka li saret mill-Avukat Jean Paul Grech flimkien mal-Perita tal-progett Ivana Farrugia, u li dawn huma destinati biex tinfetah triq, sar qbil li ghandna naghmlu tip ta' kuntratt quddiem nutar fejn niddikjaraw li ser nghinu lill-individwu sabiex jakkwista kumpens ta' esproprjazzjoni kemm-il darba ghandu dritt ghalih.

5.4 Il-Kunsill qabel li kemm il-darba jsiru dawn il-kuntratti ghandna nipprocedu bix-xogholijiet biex ma jintilifx zmien peress li d-deadline tal-progett hija fl-ahhar ta' Gunju 2014.

6.0 **Applikazzjoni ghall-Gwida fid-Dwejra Interpretation Centre**

6.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti bidu ghal process ta' ingagg ta' assistant ghac-Centru tad-Dwejra. Sar qbil li r-rekwiziti ma ghandhomx ikunu over-qualified sabiex is-salarju ma jkunx gholi u li fil-prezent il-haddiem/a maghzul ghandu jahdem mhux aktar minn tletin (30) siegha fil-gimgha.

6.2 Sar qbil li ghandna nibdew il-proceduri mal-ETC.

7.0 **Gemmellagg ma' Amaseno**

7.1 Saret referenza ghal fatt li fil-bidu ta' Mejju ser jigu l-Kapillan u s-Sindku ta' Amaseno sabiex issir zjara ta' preparazzjoni ghal migja tad-demm ta' San Lawrenz fostna kif ukoll sabiex isiru diskussjonijiet dwar il-gemellagg. Sar qbil li ghandna naqsmu flimkien mal-parrocca xi spejjes ta' ospitalita' konnessi ma din iz-zjara. Sar qbil ukoll li ghandna niltaqghu maghhom biex niddiskutu l-iffirmar tal-gemmellagg.

8.0 **Approvazzjoni tal-Financial Statements**

8.1 Gew prezentati kopja tal-Financial Statements finali ghas-sena finanzjarja 2013 u gew approvati.

9.0 **Approvazzjoni tal-Pagamenti**

9.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti annessa u gew approvati.

10.0 **Materji ohra**

10.1 Waqt il-laqgha gie mistieden il-kuntrattur inkarigat mill-istreet furniture tal-pjazza fejn gie diskuss it-twahhil tal-bollards. Il-Kuntrattur semma' li ghalkemm huwa ghandu fil-kuntratt li jwahhal il-bollards, huwa mhux ser jerfa r-responsabilita' tat-tkissir tal-madum. Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw il-perit u naraw kif ser nipprocedu fuq dan ir-rigward peress li l-bollards ser jitwahhlu wara li sar il-pavimentar minhabba d-dewmien fl-awarding tat-tender tal-istreet furniture.

10.2 Gew evalwati l-istimi migbura ghal htiega ta' 65 metru aktar kurduna fil-pjazza u ghal fatt li l-kuntrattur inkarigat ma jridx jissuplixxi aktar bl-istess prezz. F'dan ir-rigward il-perit tana l-parir li nigbru stimi. L-istimi li ntefghu kienu minghand AF Ellis Marble Works ghal prezz ta' €33.04 kull metru u min ghand Halman ghal prezz ta' €86.11 kull metru. Il-Vici Sindku hawnhekk irrimarka li jixtieq kjarifika minghand il-Perit ghaliex inqalghet din il-htiega. Sar qbil li ghandna mmexxu mal-orhos offerta dik minghand AF Ellis Marble works ghall-prezz ta' €33.04 kull metru.

10.3 Saret referenza ghall-approvazzjoni sabiex nizbghu Slippery mal-art fis-slipways tad-Dwejra. Il-kunsillier John Mercieca talab sabiex jitnaddfu mill-hass bi xkupa tal-lanzit.

10.4 Il-Kunsillier John Mercieca reggha talab sabiex nigru wara t-talba sabiex tigi mmarkata swimming zone fil-Port tad-Dwejra. Sar qbil li ghandna nfakkru lil-Perit Shawn Micallef dwarha.

10.5 Il-kunsilliera Rose Vella ssugeriet li hux ta' min jsir computer course ghall-adulti. Peress li m'ilux li sar kors jidher li ghadu qrib biex jingabar grupp.

10.6 Il-Kunsilliera Vella rreferiet ukoll ghal-laqgha li kellu l-kumitat tal-anzjani u ghad-decizzjoni li hadu li ssir attivita' ghall-anzjani fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

10.7 Il-kunsillier John Mercieca talab sabiex malli jkollna l-flus naghtu t-tieni kisja ta' Triq il-Wileg.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

***Anthony Formosa***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Ezekuttiv***